European Parliament
Directorate-General for
LOGISTICS AND INTERPRETATION
FOR CONFERENCES

# Rekwiżiti għall-parteċipazzjoni remota fil-laqgħat tal-Parlament Ewropew
# Dettalji tekniċi

## Mikrofoni

Meta jintuża mikrofonu estern direzzjonali ta' fuq il-mejda, huwa importanti li l-mikrofonu jitqiegħed madwar 30 cm 'il bogħod mill-kelliem. Il-mikrofonu jrid jitqiegħed iħares fid-direzzjoni ta' ħalq il-kelliem.

It-tipi ta' tagħmir li ġejjin ma jissodisfawx ir-rekwiżiti meħtieġa:
- Mikrofoni jew headphones li jaħdmu bil-Bluetooth;
- Headsets tal-mowbajls jew mikrofoni;
- Mikrofoni integrati.

## Stampa

Ix-xenarji li ġejjin ma jissodisfawx ir-rekwiżiti meħtieġa:
- Ma jidher ebda filmat tal-kelliem;
- Kwalità ħażina tal-vidjow, stampa bil-pixels, iffriżata, bl-iskossi jew mhux ċara;
- Stampi fejn ma jidhrux ir-ras u l-parti ta' fuq ta' ġisem il-kelliem;
- Stampa b'dell skur.

## Konnessjoni tal-Internet

Ir-rekwiżiti tekniċi għal **konnessjoni tal-internet stabbli** huma dawn li ġejjin:
- Veloċità ta' upload u download ta' mill-inqas 10Mb/s;
- Telfien ta' pakketti ta' inqas minn 10 %;
- Jitter ta' inqas minn 30 millisekonda.